# L-*Ethos* Malti Mhedded

Kull meta joqrob biex jintemm seklu, u l-aktar meta jkun se jintemm millennju, ikun hemm paniku sħiħ fost is-superstizzjużi. Mat-tgerbib tas-snin u fuq kollox b'riħet il-progress kbir fl-oqsma tax-xjenza, il-bniedem m'għadux superstizzjuż daqskemm kien dari. Għall-inqas għalissa għadna ma rajniex nies jiġru mherwlin mat-toroq iħabbru tmiem id-dinja u l-wasla tal-ġudizzju Universali. Jekk tidwil l-imħuħ irnexxielu jeħlisna minn dehriet bħal dawn, lanqas ma rridu nkunu aħna li noħolqu xi twerwir li mbagħad jixtered bħannar mal-pajjiż kollu.

Min-naħa l-oħra lanqas ma nistgħu noqogħdu b'idejna fuq żaqqna u ma nsemmux ċertu twegħir li jidher riesaq fuq ix-xefaq u jhedded l-*ethos* Malti. Wieħed irid ikun qed jgħix fis-sħab biex ma jintebaħx bis-sinjali taż-żminijiet u jibqa' ma jagħrafx fihom twiddiba għal dawk li qegħdin jaħmu minn taħt ħwejjeġ li jafu jagħmlu ħsara kbira lin-nazzjon żagħżugħa Maltija.

Sur President, jiena wieħed minn dawk li qegħdin jilmħu twegħir kbir

---



FRANS SAMMUT twieled Ħaż-Żebbuġ fid-19 ta' Novembru 1945. Huwa studja San Alwiġi, fil-Kulleġġ tat-Taħriġ ta' l-Għalliema u fl-Università. Illum huwa kap ta' skola statali. Huwa miżżewweġ lil Catherine neè Cachia u għandhom żewġ ulied, Mark u Jean-Pierre. Xogħlijiet letterarji ta' Sammut ilhom jidhru mill-1962 meta rebaħ premjijiet imnedijin għal kittieba ġodda. Fl-1964 rebaħ konkors tan-novelli b'*L-Istqarrija* li mbagħad dehret f'*Labirint u Stejjer Oħra* fl-1968. Fl-1971 ħareġ ir-rumanz *Il-Gaġġa* u fl-1974 rebaħ il-Premju *Rothmans għal-Letteratura* b'*Samuraj.* Dawn iż-żewġ rumanzi kellhom kemm-il *reprint.* Fl-1989 dehret in-novella twila tiegħu *Il-Qtil fi Sqaq il-Ħorr.* Fl-1991 ħareġ ir-rumanz *Paceville* li rebaħ il-Premju tal-Gvern għal dik is-sena. Fl-1994 ħareġ ir-rumanz *Il-Ħolma Maltija.*

Frans Sammut huwa meqjus mill-kritiċi bħala rumanzier ta' l-avangwardja. Il-kitbiet tiegħu tas-Snin Sittin kisbulu isem bħala pijunier fil-kitba letterarja psikoloġika, waqt li b'*Il-Ħolma Maltija* huwa daħħal il-letteratura Maltija fl-era post-moderna. Il-kritiċi letterarji jaqblu li l-kitba ta' Sammut għandha dimensjoni dinjija għad li miktuba b'ilsien mitkellem f'pajjiż wieħed.

F'intervisti li sarulu minn ġurnalisti barranin fosthom tal-*BBC* huwa stqarr li m'għandu l-ebda sogħba li jikteb b'ilsien ta' din il-bixra; huwa jemmen li għalih il-poplu Malti huwa l-aktar poplu importanti u jisħaq li min jipprova jinsa għeruqu jkun qiegħed jikkundanna lilu nnifsu għall-falsità u jqiegħed ruħu fit-twegħir li jiġġarraf fin-nuqqas ta' ġenwinità l-aktar bħala kittieb u artist.

"Jekk irridu negħlbu l-*gaġġa*," jgħid bi tbissima, "irridu negħlbuha fina nfusna u mhux billi nippruvaw nagħmluha ta' dak li m'aħniex."

fejn ħaddieħor, Alla jbierek, ma qiegħed jilmaħ xejn. Għandniex raġun aħna jew hu mhux se ngħidu jien. Iż-żmien jagħtina parir. Jiena nixtieq biss inressaq xi fehmiet tiegħi mnisslin minn ħwejjeġ li qed naraw u msawrin fid-dawl ta' ġrajjiet li seħħew matul l-aħħar mitejn sena li għaddew u l-aktar uħud li qegħdin iseħħu taħt għajnejna bħalissa.

Kien sewwasew mitejn sena ilu meta Mikiel Anton Vassalli u ħassieba oħrajn intebħu bis-siwi li Malta tkun repubblika newtrali li żżomm'il bogħod mit-tilwim u l-ġlied bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Mediterran, jew fi kliem ieħor bejn il-Punent u l-Lvant. Vassalli kien għaraf li mhux biss l-identità Maltija tissaħħaħ billi tidher fil-bixra vera tagħha, jiġifieri taħlita waħdiena bejn l-Ewropew u s-Semitiku bħalma għandu wkoll ilsienha, iżda tkun imħarsa tabilħaqq billi n-naħat kollha li ma jistgħu jaqblu qatt bejniethom jibqgħu jagħrfuha ta' li hi u jqimuha bħala tali. Fi żmien Vassalli, dil-ħolma ma setgħetx isseħħ għaliex Malta kellha gvern awtokratiku magħmul minn għadd ta' Ewropej li ma kellhom l-ebda qima lejn il-Maltin u lejn id-destin tagħhom. Biex tagħqad kienu klikka Ewropej li ħaduha saħansitra kontra r-Rivoluzzjoni Franċiża u kontra kull min ried ixerred it-twemmin tal-ħelsien, tal-fraternità u ta' l-ugwaljanza bejn il-bnedmin. Ħaduha wkoll qatta bla ħabel kontra dawk li ħolqu għall-ewwel darba t-twavel tal-kmandamenti tal-jeddijiet tal-bniedem u taċ-ċittadin.

Il-ħsieb ta' Vassalli baqgħu għaddejjin bih personaġġi bħal Camillo Sceberras u Ġorġ Mitrovich. Kien hemm saħansitra żmien meta l-Ingliżi nnifishom, waqt li s-setgħat l-oħra ta' l-Ewropa kienu għadhom qed jaħsbuha x'jagħmlu b'Malta, riedu li Malta tkun repubblika newtrali b'port ħieles. Dal-fatt m'huwiex magħruf wisq sewwasew minħabba fil-ġrajjiet li seħħew ftit wara meta l-Ingliżi ntebħu li jsir x'isir f'Malta Napuljun xorta ried jeħodha u allura qatgħuha li jisimgħu minn Nelson u jiġu u jeħduha huma. Ħasra li l-ħakma ta' l-Ingliżi tant kisret is-sinsla tan-nazzjon Maltija li l-Maltin qatgħu qalbhom li xi darba jeħilsu mill-madmad tal-ħakkiem barrani u jerġgħu lura għall-ideat oriġinali li ssemmew u feġġew fil-bidu tas-Seklu Dsatax.

Minħabba f'dan in-nuqqas ta' tama, il-politiċi Maltin li baqgħu joħolmu li jeħilsu mill-Ingliżi bdew ifittxu l-kenn u l-faraġ f'pajjiż ieħor kbir, ġar tagħna, li dik il-ħabta kien qiegħed isir pajjiż hu nnifsu wara sekli sħaħ ta' ħakmiet barranin. B'xorti ħażina dawk li bdew jissejħu Nazzjonalisti qajla kont tista' tagħraf humiex Nazzjonalisti għal Malta jew għall-Italja. U waslu biex fasslu biss programmi li kellhom ir-rieda li jwarrbu lill-Ingilterra bħala sidt art twelidhom u flokha jdaħħlu lill-Italja. Dawn kienu l-agħar snin tal-kriżi ta' l-identità nazzjonali Maltija.

Konna wasalna biex il-Maltin jinqasmu bejn tnejn: dawk li jżommu ma' l-Ingliżi u allura Ingliżi aktar mir-Re u dawk li jżommu l-ewwel ma' l-

Irredentisti Taljani u mbagħad mal-Faxxisti Taljani u addiju identità Maltija. Ta' l-ewwel kienu jridu li Malta tibqa' fortizza Ingliża, tat-tieni li Malta ssir fortizza Taljana. Li Malta tibqa' tiswa għal għanijiet militari kien jaqbel kulħadd. Dwar liema bandiera barranija kellha tperper fuq is-swar li ma kienx hemm qbil. Din it-tilwima nħallet mhux b'xi konsensus bejn il-Maltin iżda bit-Tieni Gwerra Dinjija li qatgħetha li Malta tibqa' fortizza Ingliża.

Lanqas meta, wara l-Gwerra l-pajjiżi kolonjalisti messithom il-kuxjenza, jew aħjar hekk sar jaqblilhom l-aktar, u bdew jagħtu l-indipendenza lill-kolonji tagħhom, ma setgħu l-politiċi Maltin jemmnu li setgħu joħolmu li 'l Malta jagħtuha destin ieħor, differenti minn dak militari.

Kien biss Mintoff li twebbel li l-identità Maltija, sewwasew ta' Malta Maltija, terġa' tingħata rifda u rifda dejjiema, billi ħoloq il-kunċett ta' Malta gżira tas-sliem li ma tieħu sehem fl-ebda blokk militari, la tal-Punent (jiġifieri n-NATO) u lanqas tal-Lvant (jiġifieri tal-Patt ta' Varsavja). Lanqas li Malta tiswa bħala bażi militari ta' xi ħadd min-Nofsinhar tal-Mediterran ma riedha. Fi ftit kliem ma riedha bażi ta' ħadd, qaddejja ta' l-ebda ħolma militari, seftura ta' l-ebda tifsila grandjuża li biha xi blokk ħolom li jaħkem l-inħawi tagħna.

L-ewwel ma kisirha Mintoff kien man-NATO li kienet għadha kif kisritha, fis-skiet u bil-moħbi ma' Borg Olivier li kien mgħaddab għaliha talli, wara li taha kwartieri daqsiex f'Malta ċaħdet li tagħraflu r-rieda tajba tiegħu u tagħti xi status lil Malta li fiha kellha dawn l-istess kwartieri. Ħwejjeġ ma jitwemmnux. L-arroganza li biha kienu jinċaħdu t-talbiet ta' Borg Olivier ma setgħetx għajr twassal għall-mibegħda kbira li l-pajjiżi kollha tan-NATO għoxew jiżirgħu għal Mintoff li waddabhom 'il barra bla ma teptep għajnejh.

B'din il-ġlieda bierda bejn Malta u n-NATO stagħniet l-identità Maltija li kisbet qima kbira (għad li moħbija) min-naħa tal-pajjiżi l-kbar ta' l-Ewropa u tal-pajjiżi ġirien tagħna fuq iż-żewġt ixtut tal-Mediterran. M'għandniex xi ngħidu, iżda, kien hemm bosta forzi misturin li ma setgħux iħallu dil-qagħda miexja 'l quddiem. U b'hekk erġajna lura għaż-żmien li fih konna għadna qegħdin niddiskutu x'inhi l-identità nazzjonali Maltija, għandniex ikollna identità wara kollox, u għandniex il-ħila nżommuha.

Min qatt ma ħa l-identità nazzjonali bis-serjetà xejn ma ħabbel rasu jerġa' jitħabbeb ma' dawk li konna qalfatniehom 'il barra. Biżżejjed inħarsu ftit madwarna biex naraw il-kontradizzjoni (li naħseb li ssir hawn Malta biss) li min sa ftit ilu kien jiftaħar bl-Indipendenza politika issa wasal biex iħassar saħansitra l-post li jfakkar il-kisba ta' din l-Indipendenza! Ħwejjeġ bħal dawn ma jistgħux ma jallarmawx lil kull min jieħu dawn il-ħwejjeġ bis-serjetà u mhux biż-żuffjett! Min, ngħidu aħna, jista' jkun serju u ma jintebaħx li llum il-Partit Laburista qiegħed jiġġieled għall-eżistenza ta' l-Arena ta' l-Indipendenza waqt li l-Partit li suppost li jħarisha l-aktar, qiegħed juri ruħu mhejji jkasbarha!

Bl-istess mod min jista' jkun serju u ma jintebaħx li l-istess partit politiku li sa ftit xhur ilu kien qiegħed jorganizza ċ-ċerimonji tat-tifkira ta' l-Indipendenza u s-Sovranità ta' Malta issa qed juri ruħu mhejji jbigħhom it-tnejn u jidbaħhom fuq il-midbaħ imżegleg tas-sħubija fl-Ewropa, minkejja, terġa' li l-Ewropa qajla qed turi ruħha li trid is-sħubija tiegħu? Min jista' jkun serju u ma jintebaħx li l-proposta tas-sehem ta' Malta fl-hekk imsejħa Sħubija għas-Sliem (li m'hijiex għajr titwila tan-NATO) hija proposta biex titqiegħed fi twegħir in-newtralità ta' Malta li sa issa għadha tħares u tassigura s-sovranità u l-indipendenza ta' Malta?

Min jista' jara dan it-twegħir kollu u ma jħossx li l-akbar sfida li għandna quddiemna aħna u resqin lejn il-millennju l-ġdid hija li nerġgħu ngħarblu lilna nfusna, li nsibu mill-ġdid x'inhuma l-elementi li tassew isawru l-identità tagħna, x'inhuma l-elementi li jsawrulna lsienna, l-aħjar mera ta' dik l-identità, u x'inhuma l-mezzi li bihom inħarsu dik l-identità?

Mal-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin u l-hekk imsejħa Purtiera tal-Ħadid, waqgħet ħafna mill-ipokrisija li kienet tostor id-diversità kulturali, etnika u lingwistika ta' għadd ta' popli li kienu ħiemda jagħmluha ta' birruħhom li nsew id-differenzi kollha ta' dari. Ma' dawn il-popli, l-aktar mal-popli ċ-ċkejknin li qegħdin iħossu l-identità tagħhom mhedda (bħal ngħidu aħna l-Griegi li ħadu dehxa meta sabu li lsienhom mhux se jkun wieħed mill-ilsna mħaddma mill-Unjoni Ewropea) aħna resqin lejn bieb il-millennju l-ġdid bi problemi qodma li wara li konna drajna naħsbu, jew nilludu ruħna, li kienu ntemmu, issa, mhux minn rajhom iżda minħabba fir-rieda ta' ħaddieħor – bla kuxjenza u bla skrupli – reġgħu qegħdin jgħollu rashom.

Biex ma nagħrfux id-dehra ħarxa tagħhom bilfors li nkunu qegħdin naħbu rasna fir-ramel.